MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2015

Numru. 126/2003

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**Vs**

**CARMELA SPITERI**

**KUMP. NRU.126/2003**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputata **Carmela Spiteri detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 13467(M)**, giet akkuzata talli fid-29 t'April 2002 ghall-habta tad-9:15am, fil-Belt Valletta :

1. ikkommettejt serq ta' envelope kontenenti flus kontanti u xi dokumenti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin, u dan sar ghad-detriment tas-sidien tal-istabbiliment 'Jet Setter' sitwat il-Belt Valletta;

2. U akkuzata aktar talli fid-29 t'April 2002 u fix-xhur ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, xjentement ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg, u cioe' l-oggett imsemmi aktar il-fuq, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentement b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;

3. Akkuzata wkoll talli sirt ricediva b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 5 ta'Mejju 1994, 13 ta'Frar 1996 u 26 ta'Novembru 1996 liema sentenzi saru definittivi.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tal-10 ta` Lulju 2003 (ara *folio* 63) u l-kunsens ta` l-imputata sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara *folio* 77);

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum 18 ta` Frar 2015 fejn, *inter alia*, l-imputata ammettiet ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghha u kompliet tinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti tatha zmien biex tahsibha skond il-ligi;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Tippuntwalizza illi dawn l-atti kellhom jigu rikostruwiti wara li kienu gew, flimkien ma processi ohra, severament danneggjati in segwitu ghal hruq li kien hakem l-Awla fejn kienu qed jinzammu nhar it-12 ta` Lulju 2004;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputata irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjaraha hatja taghhom.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena din il-Qorti qed tikkonsidra l-fattur tad-dewmien f'dan il-procediment, minhabba hruq li kien hakem fl-awla tal-Qorti, fattur li ma hux imputabbli lill-imputata, u l-fatt li bit-trapass taz-zmien jidher illi l-imputat harget mill-hajja xejn felici li kienet tghix fiz-zmien tar-reati minnha kommessi skond l-imputazzjoni mressqa. Dan il-fatt tar-riabilitazzjoni taghha, flimkien mal-ammissjoni, qed jinghataw piz fil-kalibrazzjoni tal-piena. Fid-dawl ta` dak kollu rizultanti, din il-Qorti hi tal-fehema li ghandhom jigu applikati l-provvedimenti tas-sentenza sospiza skond l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Konkluzjoni**

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 20, 23, 31, 28A, 49, 50, 261(c), 267, 279, 280, 289, 334 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **issib lil Carmela Spiteri hatja ta' l-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra taghha; tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, stante li din inghatat bhala wahda alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni; qed tqis lill-imputata bhala recidiva, biss fit-termini ta` l-Artikolu 49 tal-Kap 9; u konsegwentement tikkundannaha ghal piena ta` prigunerija ghal zmien hmistax-il (15) xahar izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` sentejn mill-lum, il-hatja tikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija**.

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti spjegat lil Carmela Spiteri, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet taghha taht l-Artikolu 28B jekk hija tikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------